MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 267/2009

**Anthony Ciantar**

**Vs**

**M. Ronsisvalle u Dr. Patrick Valentino li gie nominat bhala Kuratur Deputat b'Digriet tat-12 ta' Lulju 2010 biex jirrapprezenta l-eredità gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Anthony Ciantar fil-1 ta' Lulju 2009 permezz ta' liema jitlob li Janni Ronsisvalle, li miet fil-mori tal-kawza u l-eredità gjacenti tieghu llum tinsab rapprezentata mill-Kuratur Deputat Dr. Patrick Valentino skond Digriet tat-12 ta' Lulju 2010, u martu M. Ronsisvalle jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' ghaxart elef seba' mija u hamsin Euro (€10,750) rapprezentanti ammont minnhom misluf minghandu ghall-bzonnijiet tan-negozju taghhom skond skrittura privata datata 24 ta' Gunju 2008, liema self kellu jithallas kollu lura sa' mhux aktar tard minn

l-ahhar ta’ Awwissu 2008 u ghalkemm huma ghamlu zewg pagamenti akkont tas-somma globali permezz ta’ zewg cheques ta’ l-HSBC bin-numri 780 u 781 iffirmati minnhom it-tnejn, dawn iz-zewg cheques ma gewx onorati izda gew *referred to drawer* u ghalhekk illum l-ammont kollu ghadu dovut u baqa’ ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 1106/09, u bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta’ Awwissu 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra taghhom;

Rat id-dokumenti markati Dok. “AC01” u Dok. “AC02” annessi ma’ l-Avviz a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat ir-Risposta ta’ Marisa Ronsisvalle, detentrici tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 613161(M), permezz ta’ liema teccepixxi: (i) preliminarjament in-nullità ta’ l-Avviz stante li dan inhareg kontra persuni incerti u cioè Janni Ronsisvalle u M. Ronsisvalle; (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, in-nullità ta’ l-obbligazzjoni in kwantu tolqot lilha stante li (a) hi ma tatx l-adezjoni taghha ghall-iskrittura annessa ma’ l-Avviz; u (b) il-firma fuq ic-cekkijiet esebiti ma’ l-Avviz mhijiex taghha; u (iii) fil-mertu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2009[1] gie verbalizzat illi l-konvenut Janni Ronsisvalle miet matul il-lejl;

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur fl-4 ta’ Gunju 2010 permezz ta’ liema ppremetta li l-konvenut Gianfranco (Janni) Ronsisvalle miet fil-mori tal-kawza u li minn informazzjoni li waslet ghandu jidher li l-membri kollha tal-familja tieghu rrinunzjaw ghall-eredità tieghu u ghalhekk talab li jigi nominat Kuratur *ad litem* sabiex jiirapprezenta l-eredità gjacenti ta’ Gianfranco (Janni) Ronsisvalle fil-

---

[1] Fol. 14 tal-process.

kawza fl-ismijiet premssi u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti u ancillari ghall-istess;

Rat li b'Digriet tat-12 ta' Lulju 2010 gie nominat l-Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-eredità gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle;

Rat ir-Risposta ta' l-Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat ta' l-eredità gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalleipprezentata fil-11 ta' Jannar 2011, permezz ta' liema jeccepixxi li *f'dan l-istadju huwa ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza, però jirriserva illi jippresenta Risposta ulterjuri fl-eventwalità li jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz*;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2011[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu w immarkati Dok. "GV1" a fol. 31 sa' 33 tal-process u Dok. "GV2" a fol. 34 sa' 36 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. moghtija waqt is-seduti tas-16 ta' Mejju 2011[3] u tas-7 ta' Novembru 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AG1" a fol. 46 sa' 166 tal-process u Dok. "AG2" a fol. 170 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Alexia Aquilina in rapprezentanza tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011[5] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AA1" a fol. 176 sa' 178 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' April 2012[6] u tat-12 ta' Gunju 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnha w immarkati Dok. "MR1" a fol. 181 sa' 189 tal-process u Dok. "MR2" a fol. 190 u 191 tal-process u Dok. "GV1" a fol. 202 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

---

[2] Fol. 37 u 38 tal-process.
[3] Fol. 167 u 168 tal-process.
[4] Fol. 171 u 172 tal-process.
[5] Fol. 178 tal-process.
[6] Fol. 192 sa' 195 tal-process.
[7] Fol. 208 u 209 tal-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ €10,750 minnhom mislufa minghandu ghall-bzonnijiet tan-negozju taghhom skond skrittura privata datata 24 ta’ Gunju 2008, liema somma kellha tithallas sa’ l-ahhar ta’ Awwissu 2008. L-attur jikkontendi li ghalkemm Janni Ronsisvalle u martu effettwaw zewg pagamenti akkont tas-somma globali permezz ta’ zewg cheques mahruga mill-HSBC bin-numri 780 u 781 iffirmati minnhom it-tnejn, tali cheques ma gewx onorati in kwantu gew *referred to drawer* u ghalhekk l-ammont intier ghadu lilu dovut. Originarjament it-talba attrici kienet diretta fil-konfront ta’ Janni Ronsisvalle u martu M. Ronsisvalle izda in segwitu ghall-mewt ta’ Janni Ronsisvalle fil-mori tal-kawza gie nominat l-Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-eredità gjacenti ta’ Gianfranco (Janni) Ronsisvalle stante li hadd mill-eredi tieghu ma accetta l-wirt.

Janni Ronsisvalle ma lahaqx ipprezenta Risposta ghat-talba attrici qabel ma miet u ir-Risposta tal-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Patrick Valentino ipprezentata fil-11 ta’ Jannar 2011, hija semplicement fis-sens illi *f’dan l-istadju huwa ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza, però jirriserva illi jippresenta Risposta ulterjuri fl-eventwalità li jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz*. Mart Janni Ronsisvalle ossia Marisa jew ahjar Marie Louise Ronsisvalle da parte taghha eccepiet: (i) preliminarjament in-nullità ta’ l-Avviz stante li dan inhareg kontra persuni incerti u cioè Janni Ronsisvalle u M. Ronsisvalle; (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, in-nullità ta’ l-obbligazzjoni in kwantu tolqot lilha stante li (a) hi ma tatx l-adezjoni taghha ghall-iskrittura annessa ma’ l-Avviz; u (b) il-firma fuq ic-cekkijiet esebiti ma’ l-Avviz mhijiex taghha; u (iii) fil-mertu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ma hemmx dubju li l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi trattata hija l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta dwar in-nullità ta' l-Avviz promotur in kwantu ipprezentat fil-konfront ta' persuni incerti.

Mill-iskrittura privata datata 24 ta' Gunju 2008 esebita mill-attur bhala Dok. "AC01" a fol. 2 tal-process u mill-gdid bhala Dok. "GV1" a fol. 33 tal-process jirrizulta li l-partijiet li dehru fuq l-imsemmija skrittura kienu Anthony Ciantar – ossia l-attur stess – u Janni Ronsisvalle detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 327200(L). Iz-zewg HSBC cheques bin-numri 780 u 781 li nhargu f'isem l-attur fil-15 ta' Novembru 2008 u fit-30 ta' Novembru 2008 inhargu mill-kont bin-numru 13117833001 intestat lil Mr. G &/or Mrs. M. Ronsisvalle. Huwa evidenti li l-attur ibbaza ruhu fuq l-informazzjoni minn dawn id-dokumenti ghall-fini li jressaq il-proceduri odjerni, li appuntu gew istitwiti fil-konfront ta' Janni Ronsisvalle u martu M. Ronsisvalle. Il-konvenuta tikkontendi però li l-proceduri kif diretti fil-konfront ta' Janni Ronsisvalle u martu M. Ronsisvalle huma nulli stante li gew ipprezentati fil-konfront ta' persuni incerti. Hija tissosstanzja din l-eccezzjoni billi tghid illi ma tafx li zewgha Gianfranco Ronsisvalle kien jissejjah ukoll Janni u tghid li hi qatt ma sejhitlu hekk imma dejjem Gianfranco. Tghid ukoll li isimha huwa Marie Louise Ronsisvalle u dejjem ssejjhet hekk[8]. Nonostante dak affermat mill-konvenuta però il-Qorti ma tqisx li l-eccezzjoni preliminari sollevata minnha hija gustifikata u fil-fehma Taghha ghalkemm l-attur fl-Avviz promotur ma indikax lis-Sur Ronsisvalle b'ismu proprio u lil martu b'isimha shih, zgur ma jistghax jinghad li il-proceduri odjerni gew istitwiti fil-konfront ta' persuni incerti.

Il-proceduri odjerni gew istitwiti kontra dik il-persuna li mill-iskrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2008 jirrizulta li sselfet l-ammont ta' €10,750 minghand l-attur u cioè Janni Ronsisvalle detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 327200(L) ta' Nru.10, Triq it-Tramuntana, Paola. Mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 25 ta' Marzu 2009 esebit mill-konvenuta bhala Dok. "MR2" a fol. 190 u

[8] Vide xhieda moghtija mill-konvenuta waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, fol. 208 u 209 tal-process.

191 tal-process jirrizulta li r-ragel tal-konvenuta Gianfranco Ronsisvalle ghandu l-Karta ta' l-Identità bin-Numru 327200(L) u jirrisjedi, jew ahjar kien jirrisjedi, 10, Lufran, Triq it-Tramuntana, Paola. Mix-xhieda ta' Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c.[9] jinsab konfermat li Gianfranco Ronsisvalle, id-detentur tal-kont bankarju bin-numru 13117833001 li minnu inhargu zewg cheques f'isem l-attur datati 15 ta' Novembru 2008 u 30 ta' Novembru 2008 rispettivament[10], ghandu il-Karta ta' l-Identità bin-Numru 327200(L) u jirrisjedi Lufran, Triq it-Tramuntana, Paola[11]. Il-konvenuta stess in ezami waqt is-seduta tas-17 ta' April 2012[12] ikkonfermat li wahda mill-firem li tidher fuq ic-cheques in kwistjoni hija tar-ragel taghha, liema firma tosserva l-Qorti hija l-firma li tidher ukoll fuq l-iskrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2008. Ghalhekk huwa evidenti li l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront ta' Gianfranco Ronsisvalle detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 327200(L) li kien maghruf lilu bhala Janni Ronsisvalle, fatt dan mhux michud mill-istess Gianfranco Ronsisvalle li ffirma l-iskrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2008 ghalkemm fiha jinsab indikat bhala Janni Ronsisvalle. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuta ghal dak li jirrigwarda s-Sur Ronsisvalle ma hemm assolutament ebda dubju dwar l-identità tal-persuna fil-konfront ta' min l-attur ried jistitwixxi w effettivament istitwixxa l-proceduri odjerni.

Ghal dak li jirrigwarda il-konvenuta jigi osservat li ghalkemm fl-Avviz promotur giet indikata semplicement bhala M. Ronsisvalle ma hemmx dubju li l-konvenuta Marie Louise Ronsisvalle, li del resto ipprezentat ir-Risposta taghha bhala Marisa Ronsisvalle u tiffirma bhala M. Ronsisvalle, hija mart is-Sur Ronsisvalle u bhala tali giet imharka flimkien mieghu f'dawn il-proceduri. B'hekk fil-fehma tal-Qorti fir-rigward taghha wkoll ma hemmx dubju dwar l-identità tal-persuna li l-attur ried iharrek u effettivament harrek bhala konsorti tas-Sur Ronsisvalle.

---

9 Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2011, fol. 167 tal-process.
10 Dok. "AC02" a fol.3 tal-process u mill-gdid a fol. 31 u 32 tal-process.
11 Dok. "AG1" a fol. 46 sa' 166 tal-process.
12 Fol. 192 sa' 195 tal-process.

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino v. Giuseppe Arcidiacono et noe et, Appell Civili Nru. 696/90** deciza fis-17 ta' Jannar 2007, fejn giet sollevata in-nullità ta' dawk il-proceduri ghaliex l-attur kien jismu Carmelo Gatt Baldacchino filwaqt li kkontratta mal-konvenuti bhala Charles Gatt Baldacchino: *hu veru li l-isem "Carmelo" u l-isem "Charles" mhux l-istess, però, jirrizulta car f'din il-kawza li ghalkemm l-attur hu registrat bl-isem "Carmelo", hu msejjah ukoll bl-isem "Charles" u kwindi m'hemmx "zball" la fil-konvenju u lanqas fl-ittri ufficjali. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Vella et v. Galea et" deciza fit-23 ta' Ottubru 1991, "Jean jew John Mifsud u Jean Mifsud – huma l-istess persuna. Dan ifisser li l-istess persuna hija deskritta b'modi differenti, imma fuq l-identità taghha ma hemm assolutament ebda dubju ragjonevoli. Issa daqstant iehor huwa car, ovvju u minghajr ombra ta' dubju li huma persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandom obbligazzjonijiet, u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuni ohra. Is-socjetà konvenuta tissottometti li r-regoli ta' proceduri ghandhom jigu osservati ad oltranza. Dan hu minnu sa' certu punt, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Aquilina v. Aquilina" deciza fil-11 ta' Marzu 1985: "it-tendenza tal-gurisprudenza moderna hija kuntrarja ghall-formalizmu rigidu taz-zminijiet antiki u ma tharisx b'favur lejn dikjarazzjonijiet ta' nullità fejn m'hemmx involuti kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u fejn in-nullità mhix komminata mill-ligi." Dan il-principju gie enuncjat ricentement minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "Vella v. Farrugia" deciza fil-21 ta' Gunju 2006 fejn ukoll saret referenza ghall-formalizmu rigidu ta' l-antik "minghajr rigward ghall-interessi tal-kontendenti u ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja in generali." Din it-tendenza moderna giet murija minn din il-Qorti fil-kawza "Azzopardi noe v. Vella et" deciza fis-6 ta' Ottubru 1999, li fiha accettat bhala valida ittra ufficjali li talbet ezekuzzjoni ta' konvenju, avolja f'dik l-ittra ufficjali d-data tal-konvenju kienet zbaljata. Ladarba ma kienx hemm dubju dwar il-konvenju li kien sehh bejn il-partijiet, ma kellu jirrizulta ebda nuqqas fil-procedura utilizzata. Hekk ukoll din il-Qorti*

*fil-kawza "Galea v. Vella et" deciza fis-16 ta' April 2004, osservat li m'hemmx nullità ta' l-ittra ufficjali (mibghuta in ezekuzzjoni ta' konvenju) minhabba c-cirkostanza li mart il-konvenut, li jisimha Mary Vella, giet indikata bhala "Antonia Vella", u dan peress li ma kienx hemm dubju dwar l-identità tal-persuna li kellha tkun u fil-fatt giet notifikata.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk huwa evidenti li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta ma hijiex gustifikata u ghaldaqstant ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Trattata din l-eccezzjoni preliminari l-Qorti se tghaddi issa biex tittratta t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioè in-nullità ta' l-obbligazzjoni in kwantu tolqot lilha stante li hi ma tatx l-adezjoni taghha ghall-iskrittura privata datata 24 ta' Gunju 2008 u li l-firma fuq ic-cheques esebiti mill-attur ma hijiex taghha.

Mill-iskrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2008 jirrizulta immedjatament evidenti li l-ftehim dwar is-self tas-somma ta' €10,750 sar bejn l-attur u Janni Ronsisvalle u li l-konvenuta, *qua* mart Ronsisvalle, ma kenitx firmatarja fuq l-istess ftehim. Minkejja dan il-fatt però ma jistghax jinghad b'mod awtomatiku li l-obbligazzjoni nascenti minn dak il-ftehim ma tolqotx u ma torbotx lill-konvenuta wkoll *qua* mart Janni Ronsisvalle.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta l-att li tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta' flus f'kont f'bank, jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk huwa vestit fil-konjugi flimkien, il-Qorti f'dan il-kaz ma tistax tinjora l-fatt li mill-iskrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2008 jirrizulta li s-self mertu ta' dawn il-proceduri mill-attur lil Janni Ronsisvalle sar bhala *business loan*. L-attur jispjega li *jiena lill-konvenut, illum mejjet, kont nafu bl-isem ta' Janni. Kont naf li kien fil-business u darba minnhom kien cempilli u qalli li kellu bzonn il-flus billi kellu konsenja d-dwana u ried ihallas id-dwana u l-VAT. Peress li jiena kont nafu, kont accettajt li nselfu ammont ta' flus u fil-fatt kien gie d-dar tieghi u kont tajtu €10,750. Kien weghdni li sa' l-ahhar*

*ta' Awwissu 2008 dan l-ammont ihallsu lura*[13]. Il-konvenuta da parte taghha in kontro-ezami ddikjarat li zewgha kellu negozju ta' *upholsterer*[14].

In-natura tas-self kif rizultanti mill-iskrittura privata iffirmata minn Janni Ronsisvalle u kif imfissra mill-attur ma giet bl-ebda mod kontradetta la mill-konvenuta, li semplicement illimitat ruhha li tghid li ma kienet taf b'xejn dwar dan is-self[15], u lanqas mill-Kuratur Deputat nominat biex jirrapprezenta l-eredità gjacenti ta' Gianfranco (Janni) Ronsisvalle li ma ressaq ebda provi f'dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-iskrittura privata imsemmija, u cioè li s-self kien *business loan*, liema skrittura kif inghad giet iffirmata minn Janni Ronsisvalle, necessarjament ghandha tirreferi ghal u tapplika dak provdut fl-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ossia li *atti normali ta' gesjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja*.

Dan il-provvediment tal-Ligi essenzjalment ifisser li l-obbligazzjoni nascenti minn att normali ta' gezjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni hija valida anke jekk issir biss mill-konjugi li jkun jiggestixxi dak il-kummerc, negozju jew dik il-professjoni u tikkostitwixxi obbligazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi.

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, Citaz. Nru. 14/02** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 dwar it-tifsira ta' att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni ai termini ta' l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u kif tali

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2011, fol. 37 u 38 tal-process.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' April 2012, fol. 192 sa' 195 tal-process.
[15] *Ibid.*

att effettivament jikkostitwixxi obbligazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konjugi. Il-Qorti tosserva li ghalkem din is-sentenza giet in parte riformata mill-Qorti ta’ l-Appell li kkonkludiet li l-ghoti ta’ garanzija da parte ta’ Direttur ta’ kumpannija ghad-dejn ta’ l-istess kumpannija – il-mertu ta’ dawk il-proceduri – ma jikkostitwixxix att normali ta’ gestjoni ta’ negozju, kummerc jew professjoni, il-principji enuncjati mill-Prim’ Awla tal-Qorti dwar it-tifsira ta’ l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-effett ta’ obbligazzjoni nascenti minn att normali ta’ gestjoni ta’ negozju, kummerc jew professjoni fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti xorta wahda jiswew u ghandhom jigu kkunsidrati w applikati fejn ikun qed jigi kkunsidrat jekk l-att mertu tal-proceduri jikkostitwixxix att normali ta’ gestjoni ta’ negozju, kummerc jew professjoni.

Fl-imsemmija sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet hekk: *komprizi fit-terminologija ta’ att normali ta’ gestjoni ta’ negozju, wiehed ghandu jinkludi mhux biss l-atti gornalieri ta’ kummerc, izda wkoll dawk l-attivitajiet li, ghalkemm ma jsirux fuq bazi regolari, huma però normali fil-kummerc u n-negozju. Il-Qorti tifhem li trid tinghata interpretazzjoni wiesgha lil dak l-artikolu, biex jigi li jkopri kull tip ta’ negozju, anke wiehed eccezzjonali, li wiehed jistenna li jsir minn min ikun f’dak in-negozju, kummerc jew professjoni. Il-ligi fil-fatt ma tuzax il-kelma “regolari” jew “ta’ kuljum” ghall-eccezzjoni izda att normali, att ikun “normali” skond in-negozju u z-zmien li fih sar l-att. Hekk per ezempju fil-kawza “Bonnet v. Borg” deciza minn din il-Qorti (per Onor. Albert J. Magri) fl-20 ta’ Jannar 1999, intqal li self li persuna tiehu u l-ghoti ta’ kambjali in garanzija ghar-restituzzjoni, hu att kopert bl-artikolu 1324. Fil-kawza “Simonds Farsons Cisk plc v. Celeste” deciza wkoll minn din il-Qorti (per Onor. G. Valenzia) fit-30 ta’ Marzu 2001, intqal li l-akkwist ta’ self u l-iffirmar ta’ exclusive purchase agreement mas-socjetà attrici, huwa att li wkoll jaqa’ taht l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Hekk ukoll fil-kawza “Vassallo v. Bartolo” deciza minn din il-Qorti (per Onor. P. Sciberras) fis-27 ta’ Gunju 2003, intqal li persuna li huwa pig-breeder u li tefa’ applikazzjoni fost il-membri ta’ l-Ghaqda tal-Koperattiva ta’ Min Irabbli l-Majjali Ltd. ghat-tmexxija ta’ terminal sire units, ikun qed jagixxi*

*permezz ta' att li jirrientra fl-attività kummercjali tieghu u kwindi jista' jagixxi wahdu taht l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Dawn il-kuntratti ma kienux kuntratti li negozjant jidhol fihom kuljum, izda, fic-cirkustanzi tas-suq ta' llum, huma kuntratti li normali li min ikun fil-kummerc jiffirma***.**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li s-self ta' €10,750 li Janni Ronsisvalle ha minghand l-attur bhala *business loan* biex ikun jista' jhallas id-dwana u l-VAT fuq konsenja li kellu maqbuda d-dwana dak iz-zmien jista' jitqies bhala att normali ta' gestjoni tan-negozju tieghu kif intiz fl-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-istess Ronsisvalle seta' validament jidhol ghal tali ftehim minghajr l-intervent ta' martu. Raggunta din il-konkluzzjoni l-Qorti issa trid tikkonsidra jekk tali self huwiex o meno obbligazzjoni fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Fir-rigward mill-gdid issir referenza ghall-precitata sentenza **Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et** fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Frendo v. Zahra" deciza fil-31 ta' Jannar 2003, irrimarkat obiter li anke kieku l-att hemm impunjat kien jinkwadra ruhu bhala att normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, bl-ebda mod ma kien jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti. Bir-rispett kollu lejn dik l-Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb. Kieku att straordinarju li hu att normali ta' gesjoni ta' kummerc ma jorbotx il-komunjoni ta' l-akkwisti, ma jkunx hemm lok tar-regola introdotta bl-artikolu 1324, ghax bhala att straordinarju ezercitat minn konjugi wiehed biss ma jorbotx il-komunjoni ta' l-akkwisti fih innifsu. L-iskop ta' l-artikolu 132 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gesjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan ta' l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert. Dan johrog car ukoll minn ezami ta' l-artikolu 1330 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkun piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-*

*komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin. B’dan però li jekk id-dejn in kwistjoni (u hawn qed nitkellmu fuq djkun tal-komunjoni) jinholoq mill-ezercizzju ta’ negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324, allura l-kredituri jistghu jinfurzaw dak id-dejn in subsidium fuq l-assi parafernali biss tal-parti li holoq dak id-dejn. Dan l-artikolu jikkonferma, u, fil-fatt, qed jassumi li dejn mahluq kif imsemmi fl-artikolu 1324, huwa dejn tal-komunjoni u huwa biss in subsidium li min holoq dak id-dejn ikun responsabbli ghalih bil-beni parafernali tieghu. Il-ligi holqot sistema fejn qed tipprova tibbilancja l-interess ta’ kull min hu interessat. Minn naha l-wahda ghandek in-negozjant li biex imexxi n-negozju tieghu fl-interess tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, m’ghandux ghalfejn ikaxkar lill-martu mieghu biex din takkumpanjah ghal kull att li jaghmel, u t-terz jaf li, avvolja qed jinnegozja mar-ragel biss, warajh hemm il-komunjoni. Il-mara, ftit jew wisq, qed tiehu risku ghax tista’ ssib il-komunjoni mghobbija b’pizijiet ta’ natura straordinarja li ghalihom ma tatx il-kunsens. Kontra dan però ghandha mhux biss il-fakoltà li ccahhad lil zewgha milli jkompli jamministra l-komunjoni taht l-artikolu 1325 tal-Kodici Civili, izda l-privilegg li tara li gidha parafernali ma jkunux jistghu jitmessu mill-kredituri tal-komunjoni, u dan peress li dak l-att inholoq taht l-artikolu 1324. Il-ligi, bl-artikolu 1324, holqot eccezzjoni ghar-regola li att straordinarju mahluq minn konsorti wiehed ma jippregudikax il-komunjoni ta’ l-akkwisti, b’dan però, li dik l-eccezzjoni ma twassalx ghall-effetti kollha tar-regola generali, u cioè, li l-mizzewgin jaghmlu tajjeb in subsidium b’gidhom personali ghad-djun tal-komunjoni. Dejn maghmul ai termini ta’ l-artikolu 1324, jorbot lill-komunjoni ta’ l-akkwisti u in solidium il-beni parafernali ta’ dak biss li ta lok ghal dak id-dejn. L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li holoq ir-ragel ai termini ta’ l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili, izda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni ta’ l-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Gauci*.

Fid-dawl tal-principji enuncjati mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija sentenza jirrizulta li ladarba s-self ta’ l-ammont ta’ €10,750 minn Janni Ronsisvalle minghand l-

attur kien att normali ta' gestjoni tan-negozju tieghu ai termini ta' l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi li l-obbligazzjoni nascenti minn tali self, ossia r-restituzzjoni ta' l-ammont hekk misluf, hija obbligazzjoni li tiggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi.

Ghal kull buon fini jigi osservat li anke kieku stess is-self li Janni Ronsisvalle ha minghand l-attur bis-sahha ta' l-iskrittura privata ta' l-24 ta' Gunju 2008 ma kellux jitqies bhala att normali ta' gestjoni ta' negozju, kummerc jew professjoni ai termini ta' l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 1326 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament tas-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi in kwantu hawn si tratta minn self ta' flus, xorta wahda jirrizulta li fil-kaz in ezami s-self kien validu ghalkemm il-ftehim gie ffirmat minn Janni Ronsisvalle biss u mhux ukoll minn martu u l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni ta' l-ammont misluf tiggrava lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom.

L-Artikolu 1326(5) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jehtieg il-kunsens tal-parti l-ohra u li jkun dwar mobbli, parti tagixxi wahedha, il-parti l-ohra ma tkunx tista' titlob annullament ta' l-att; meta izda, il-parti l-ohra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew tacitament, dik il-parti tkun tista' tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun agixxiet wahedha tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkunu ggarbu. Dak li johrog minn dan l-artikolu tal-Ligi huwa s-segwenti: l-att maghmul minn konjugi wiehed biss minghajr il-kunsens u partecipazzjoni tal-konjugi l-iehor ikun u jibqa' validu tant illi l-parti li ma tkunx tat il-kunsens taghha ghall-att partikolari ma tistax, meta l-att ikun jittratta dwar mobbli li ma jkunx inghata b'titolu gratuwitu[16], titlob l-annullament ta' l-att u l-obbligu mahluq b'dak l-att ikun jiggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti tant illi l-uniku rimedju koncess lill-parti li ma tkunx tat il-kunsens taghha huwa li ddur fil-konfront tal-konjugi l-iehor ghar-reintegrazzjoni tal-

[16] Artikolu 1326(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

komunjoni jew jekk dan ma jistghax isir ghall-hlas tad-danni sofferti, basta li dik il-parti ma tkunx irratifikat l-att espressament jew tacitament.

Il-konvenuta tikkontendi li hi qatt ma rratifikat is-self moghti mill-attur lil zewgha ghaliex il-firma fuq iz-zewg cheques li nhargu f'isem l-attur fil-15 ta' Novembru 2008 u fit-30 ta' Novembru 2008 rispettivament bhala pagament akkont ta' l-ammont misluf ma hijiex il-firma taghha.

Il-firma tal-konvenuta hija dik li tidher fuq il-fotokopja tal-passaport taghha esebita minnha bhala Dok. “GV1” a fol. 202 tal-process. Din il-firma hija identika ghall-firem li jidhru fuq id-dokumenti esebiti mill-konvenuta relattivi ghar-rinunzja tal-wirt ta' Gianfranco Ronsisvalle, senjatament id-dokumenti a fol. 184 u 189 tal-process, u ghall-firma li tidher fuq id-dokument esebit minn Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. relattiv ghall-gheluq tal-kont bankarju bin-numru 13117833001 a fol. 170 tal-process. Meta dawn il-firem jigu ipparagunati mal-firma M. Ronsisvalle li tidher fuq ic-cheques esebiti mill-attur a fol. 31 u 32 tal-process jirrizulta evidenti li ghalkemm dawk il-fierm jixbhu lill-firma tal-konvenuta ma humiex il-firma tal-konvenuta. Jirrizulta b'mod car li xi hadd – probabliment l-istess Gianfranco Ronsisvalle – ikkopja l-firma tal-konvenuta fuq l-imsemmija cheques qabel ma ghaddihom lill-attur bhala hlas akkont ta' l-ammont misluf. Ladarba l-firma M. Ronsisvalle fuq ic-cheques in kwistjoni ma hijiex il-firma tal-konvenuta zgur ma jistghax jinghad illi l-istess konvenuta b'xi mod irratifikat il-ftehim ta' self li gie konkluz bejn l-attur u zewgha. Madanakollu però dan il-fatt ftit li xejn jeffettwa l-posizzjoni ta' l-attur fir-rigward tal-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuti, jew ahjar illum fil-konfront ta' l-eredità gjacenti ta' Janni Ronsisvalle u tal-konvenuta, ghaliex kif johrog ferm car mill-Artikolu 1326(5) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ir-ratifika tacita jew espressa da parte tal-konjugi ta' l-att konkluz mill-konjugi l-iehor minghajr il-kunsens tieghu/taghha teffettwa r-rimedju ta' dak l-istess konjugi fil-konfront ta' l-iehor u mhux l-interessi tat-terz.

B’hekk thares minn fejn thares lejn is-sitwazzjoni mertu ta’ dawn il-proceduri konsistentement jirrizulta li s-self moghti mill-attur lil Janni Ronsisvalle skond l-iskrittura privata ta’ l-24 ta’ Gunju 2008 huwa validu u li l-obbligazzjoni tal-hlas lura ta’ l-ammont misluf tiggrava l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Ronsisvalle.

F’dan ir-rigward il-konvenuta esebiet kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 25 ta’ Marzu 2009 bis-sahha ta’ liema hi u zewgha tterminaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u minflok adottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni[17]. Dan il-kuntratt però bl-ebda mod ma jeffettwa l-ftehim ta’ self milhuq bejn l-attur u Janni Ronsisvalle u l-obbligazzjonijiet nascenti minnu stante li dak il-ftehim gie konkluz bl-iskrittura privata ta’ l-24 ta’ Gunju 2008, ossia zmien qabel ma l-konjugi Ronsisvalle ghazlu li jitterminaw il-komunjoni ta’ akkwisti ezistenti bejniethom u minflok jadottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni. In effetti l-Artikolu 1244 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-konjugi jistghu jbiddlu r-regim ekonomiku taz-zwieg izda dan isehh *minghajr hsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta’ terzi persuni*. Kif gustament osservat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-precitata sentenza fl-ismijiet **Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, Citaz. Nru. 14/02** dwar l-effetti tat-terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti fir-rigward ta’ obbligazzjonijiet assunti qabel tali terminazzjoni u xoljiment *ikun facli, altrimenti, ghad-debitur mizzewweg li, wara li jidhol fi djun bil-komunjoni ta’ l-akkwisti taghmel tajjeb, jnaqqas jew addirittura inehhi din il-garanzija, billi jillikwida l-komunjoni u jassenja l-gran parte ta’ l-oggetti lill-martu. Dan zgur m’ghandux jigi permess. Il-kuntratt ta’ terminazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti mhux, ghal din ir-raguni, qed jigi annullat, ghax dak ghandu jitqies validu, izda m’ghandux ikollu effett li jippregudika t-terzi.*

Ladarba wara li giet iffirmata l-iskrittura privata ta’ l-24 ta’ Gunju 2008, il-konjugi Ronsisvalle ghazlu li jitterminaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u saret id-divizjoni ta’ l-assi taghhom, id-djun tal-komunjoni allura

[17] Dok. “MR2” a fol. 190 u 191 tal-process.

ezistenti – fil-kaz in ezami d-dejn ammontanti ghal €10,750 – jaqghu fuq il-konjugi individwalment b'dana li t-tnejn li huma huma solidalment bejniethom obbligati li bl-assi parafernali taghhom, li issa jinkludu sehemhom mill-komunjoni ta' l-akkwisti, jaghmlu tajjeb ghad-djun tal-komunjoni li kienu jezistu qabel it-terminazzjoni ta' dak ir-regim jew li huma konsegwenza ta' l-obbligazzjonijiet assunti waqt li kienet vigenti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom.

Ghalkemm Janni Ronsisvalle miet fil-mori tal-proceduri u ghalkemm uliedu u martu lkoll jidher li rrinunzjaw ghall-wirt tieghu[18], b'dana li l-eredità tieghu llum hija gjacenti, l-element ta' solidarjetà ma jigix fix-xejn. In effetti bis-sahha tad-Digriet tat-12 ta' Lulju 2010 l-eredità gjacenti ta' Janni Ronsisvalle hija debitament rapprezentata mill-Avukat Dottor Patrick Valentino, b'hekk is-solidarjetà bejn il-konjugi Ronsisvalle ghat-twettiq ta' l-obbligazzjoni assunta versu l-attur, ossia l-hlas lura tas-somma ta' €10,750, illum, in segwitu ghall-mewt ta' Janni Ronsisvalle hija vigenti bejn il-konvenuta u l-eredità gjacenti tieghu kif illum rapprezentata mill-Kuratur Deputat Dr.Patrick Valentino.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, hlief ghall-parti fejn tikkontesta l-autenticità tal-firma taghha fuq ic-cheques esebiti mill-attur a fol. 31 u 32 tal-process, ma hijiex gustifikata u ghaldaqstant ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Jonqos issa li tigi trattata t-tielet u l-ahhar eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioè li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Fid-dawl ta' dak kollu già osservat il-Qorti ftit li xejn ghandha x'izzid dwar din l-eccezzjoni. L-iskrittura privata datata 24 ta' Gunju 2008, liema skrittura hija ffirmata minn Janni Ronsisvalle u minn liema jirrizulta s-self ta' €10,750 moghti mill-attur lil Janni Ronsisvalle u l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni ta' dak l-ammont sa' l-ahhar ta' Awwissu 2008, ma gietx sodisfacentement kontestata jew kontradetta la mill-konvenuta u lanqas mill-Kuratur Deputat in

[18] Dok. "MR1" a fol. 181 sa' 189 tal-process.

rapprezentanza ta’ l-eredità gjacenti ta’ Gianfranco (Janni) Ronsisvalle u ghalhekk il-Qorti difficilment tista’ tasal ghall-konkluzjoni li it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif pretiz mill-konvenuta.

B’hekk it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuta wkoll hija ghal kollox ingustifikata u bhala tali ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta, hlief ghal dik il-parti tat-tieni eccezzjoni fejn il-konvenuta tikkontesta l-autenticità tal-firma taghha fuq ic-cheques esebiti a fol. 31 u 32 tal-process, u tilqa’ t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta u lill-Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat in rapprezentanza ta’ l-eredità gjacenti ta’ Gianfranco (Janni) Ronsisvalle, solidalment bejniethom, ihallsu lill-attur is-somma ta’ €10,750, bl-imghax legali dekoribbli mill-5 ta’ Marzu 2009, id-data ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 1106/09[19], sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta u mill- Avukat Dottor Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat in rapprezentanza ta’ l-eredità gjacenti ta’ Gianfranco (Janni) Ronsisvalle, solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[19] Fol. 34 tal-process.